MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 965/2005

**United Macaroni Manufacturing p.l.c. bin-numru tar-Registrazzjoni C-1428.**

**vs.**

**Marquita Attard, karta tal-identita` bin-numru 207980(M).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta’ Ottubru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' tnax-il elf mitejn disgha u hamsin Liri Maltin u zewg

centezmi (Lm12,259.02), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuta mis-socjeta` attrici sal-10 ta' Novembru 2004, fuq inkarigu tal-istess konvenuta (Dok. "A").

Illi llum l-imsemmi ammont ta' tnax-il elf mitejn disgha u hamsin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02) dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuta u fil-fehma tal-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici l-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont maghmula kontra taghha mis-socjeta` attrici (Dok. "B").

Illi *nonostante* diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluza ittra ufficjali datata 21 ta' April 2005, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjeta` attrici (Dok. "C").

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-**artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnax-il elf mitejn disgha u hamsin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuta sal-10 ta' Novembru 2004, fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' April 2005, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Jannar 2005 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2005 fejn il-Qorti wara li semghet lill-konvenuta ddecidiet li l-konvenuta ppruvat *prima facie* li ghandha eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk inghatat ghoxrin (20) gurnata zmien ghall-prezentata tal-istess.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti datata 28 ta' Gunju 2006 fejn il-Qorti awtorizzat lill-konvenuta tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u tal-kontro-talba kollox skont l-istess decizjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marquita Attard ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali datata 30 ta' Gunju 2006 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi meta missierha marad serjament f'Mejju 2003 u miet fit-12 ta' Ottubru 2003, l-eccipjenti kienet imgieghelha mis-socjeta attrici stess biex thallas id-dejn li kien hemm fil-kont ta' missierha, u ma thallhietx thallas u taqta' l-bilanc li kien beda jidher fil-kont taghha, altrimenti ma kienux ifornuha bl-ghagin. B'dan il-mod hija hallset eluf ta' liri (madwar Lm30,000) mis-sena 2003 'il quddiem lis-socjeta` attrici, kif jirrizulta mid-dokumenti li ghandhom f'idejhom kemm l-eccipjenti kif ukoll l-istess socjeta'. L-eccipjenti m'ghamlet l-ebda *atto d'erede* u ma wirtet xejn minghand missierha.

2. Illi l-eccipjenti trid lis-socjeta` attrici tikkreditalha l-kont taghha bl-ammont li indebitament ikkreditat il-kont ta' missierha kif jirrizulta mill-konteggi. B'hekk hija ma jkollha taghti xejn lis-socjeta` attrici. Ghalhekk ser tressaq kontro-talba.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista max-xhieda tal-konvenuta Marquita Attard a fol. 22 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta Marquita Attard** a fol. 23 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi s-socjeta` attrici kienet tforni l-ghagin lil missier il-konvenuta ghal diversi snin.

Illi fl-2003 huwa marad u l-konvenuta bdiet tordna l-ghagin hi.

Illi meta miet missier il-konvenuta fit-12 ta' Ottubru 2003, is-socjeta` attrici gieghelet lill-konvenuta thallas id-dejn li kien hemm fil-kont ta' missierha, u ma thallhietx thallas u taqta' l-bilanc li kien beda jidher fil-kont taghha, altrimenti ma kienux ifornuha bl-ghagin. B'dan il-mod hija hallset eluf ta' liri (madwar Lm30,000) mis-sena 2003 'il quddiem lis-socjeta` attrici, kif jirrizulta mid-dokumenti li ghandhom f' idejhom kemm l-eccipjenti kif ukoll l-istess socjeta`.

Illi l-konvenuta ma wirtitx lil missierha u ma ghamlet l-ebda *atto d'erede*.

Illi ghalhekk il-konvenuta talbet li s-socjeta` attrici tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tillikwida, jekk hemm bzonn permezz ta' perit komputista, l-ammonti kollha li l-konvenuta hallset lis-socjeta` attrici minn meta marad missierha ‘l quddiem.

2. Tiddikjara li s-socjeta` attrici kkostringiet lill-konvenuta biex thallas id-dejn ta' missierha altrimenti ma tigix fornita bl-ghagin.

3. Tordna lis-socjeta` attrici tikkredita lill-kont tal-konvenuta l-ammonti kollha hekk imhallsa mill-konvenuta lis-socjeta` attrici li gew indebitament ikkreditati mill-

kumpanija attrici fil-kont ta' missier il-konvenuta, altrimenti ma kenitx tigi fornuta bl-ghagin.

4. Tiddikjara, wara dan l-esercizzju, x'inhu l-bilanc fil-kont tal-konvenuta, *okkorrendo* billi tiddikjara wkoll x'inhu l-bilanc fil-kont ta' missierha mejjet.

5. Tikkundanna lis-socjeta` attrici tirrifondi lill-konvenuta kull ammont li gie migbur minghand il-konvenuta indebitament.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-versamenti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 24 tal-process.

Rat l-atti fejn il-konvenuta giet ammessa ghall beneficcju tal-ghajnuna legali (fol. 25).

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta mit-13 ta' Jannar 2006, u 22 ta' Marzu 2006 fejn il-kawza thalliet ghall-provi fuq il-punt tal-kontumacja.

Rat ir-rikors datat 16 ta' Jannar 2006 fejn il-konvenuta talbet li tiggustifika l-kontumacja taghha, u r-risposta ghall-istess datata 25 ta' Jannar 2006.

Rat in-nota attrici bl-affidavit taghha dwar il-punt tal-kontumacja datat 22 ta' Mejju 2006, u x-xhieda ta' Dr. Joseph Mifsud u Marbeck Spiteri datati 24 ta' Mejju 2006.

Rat id-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja moghtija fit-28 ta' Gunju 2006 fejn il-konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet u l-kontro-talba.

Rat il-verbal tal-istess seduta fejn inghata digriet tal-affidavit lill-konvenuta b'terminu ta' erbghin (40) gurnata u l-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izomm zewg seduti ghall-provi kollha tal-konvenuta. Inghata wkoll digriet ghall-prezentata tal-

affidavit lis-socjeta` attrici b'terminu ta' erbghin (40) jum u zewg seduti ghall-provi kollha tas-socjeta` attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici (C-1428) ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta datata 21 ta' Lulju 2006 a fol. 90 tal-process fejn eccepiet: -

(1) Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta, bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma huwiex minnu li s-socjeta` attrici kkostringiet lill-konvenuta thallas id-dejn ta' missierha u ma hallithiex thallas u taqta' l-bilanc li kien beda jidher fuq il-kont taghha ghaliex altrimenti ma kenitx tforniha bl-ghagin, u li l-istess socjeta` attrici indebitament ikkreditat il-hlasijiet maghmula lilha mill-konvenuta fil-kont ta' missier l-istess konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` attrici a fol. 90 tal-porcess.

Rat in-nota attrici datata 5 ta' Settembru 2006 bl-affidavit ta' Pierre Gatt (Dok. "PG") u ta' Charles Zerafa (Dok. "CZ") u d-dokumenti hemm annessi (fol. 94 sa 133).

Rat in-nota tal-konvenuta datata 3 ta' Novembru 2006 fejn hija pprezentat l-affidavit taghha Dok. "MA1" u dak ta' Priscilla Cassar (Dok. "PC1") (fol. 135 sa 139).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda quddiemha prodotta, nkluzi dawk ta' Pierre Gatt in kontro-ezami (9 ta' Novembru 2006); Priscilla Cassar u Maria Attard (2 ta' Frar 2007); ta' Charles Zerafa (16 ta' Frar 2007); Marquita Attard (7 ta' Marzu 2008) menti pprezentati.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 31 ta' Awissu 2007 sabiex isir depositu tad-drittijiet u spejjez legali tal-konvenuta, ir-risposta tas-socjeta' attrici datata 17 ta' Ottubru 2007 fejn saret referenza wkoll ghall-**artikolu 920 u 921 tal-Kap.**

**12**, u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 23 ta’ Ottubru 2007 fejn cahdet it-talba tal-konvenuta.

Rat il-verbali tas-seduti datati 28 ta’ Frar 2007, 10 ta’ Mejju 2007, 19 ta’ Gunju 2007, 15 ta’ Novembru 2007, 11 ta’ Marzu 2008, 8 ta’ Ottubru 2008, 21 ta’ Jannar 2009, u 18 ta’ Marzu 2009 fejn inghata digriet sabiex l-konvenuta tressaq lil Priscilla Cassar fis-seduta hemm indikata fis-16 ta’ April 2009 sabiex isir il-kontro-ezami taghha; 27 ta’ Mejju 2009, l-1 ta’ Gunju 2009 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi kienu maghluqa u talbu li jaghmlu noti ta’ osservazzjonijiet relattivi u l-Qorti laqghet it-talba (fol. 219).

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 3 ta’ Lulju 2008 a fol. 192 tal-process fejn talbet lill-Qorti taghti dawk il-provvedimenti u direttivi necessarji u opportuni sabiex l-istess socjeta` tkun tista’ taghmel il-kontro-ezami ta’ Priscilla Cassar; u l-Qorti, bid-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju 2008 innominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta biex isir il-kontro-ezami ndikat fil-mori tad-differiment.

Rat ir-rikors tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri datat 3 ta’ Ottubru 2008 sabiex il-konvenuta tipprovdi l-indirizz ta’ Priscilla Cassar, in-nota tal-konvenuta datata 17 ta’ Ottubru 2008 u d-digriet datat 8 ta’ Ottubru 2008.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici datat 11 ta’ Frar 2009 ghall-hrug ta’ mandat ta’ skorta fil-konfront ta’ Priscilla Cassar, u d-digriet datat 12 ta’ Frar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri, nkluzi dawk tat-2 u 13 ta’ Marzu 2009 fejn la dehret il-konvenuta u lanqas Priscilla Cassar.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici datat 6 ta’ Jannar 2009, ir-risposta datata 21 ta’ Jannar 2009, u d-digriet datat 18 ta’ Marzu 2009 fejn l-Assistent Gudizzjarju gie dirett jiffissa l-ahhar seduta sal-ahhar ta’ April 2009 sabiex isir il-kontro-ezami ta’ Priscilla Cassar (fol. 214A).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 24 ta’ Lulju 2009 a fol. 220 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 28 ta’ Settembru 2009 a fol. 227 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tat-22 ta’ Ottubru 2009 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti prezentati u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-hlas ta` prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta li pero` da parti taghha l-konvenuta qieghda tichad li hija ghandha taghti ghall-zewg ragunijiet. Fil-fatt tissolleva zewg eccezzjonijiet u cioe` ssostni illi wara l-mewt ta’ missierha, is-socjeta` attrici gieghlitha thallas id-dejn tieghu u ma hallithiex taqta’ l-bilanc li kellha fil-kont taghha u hija fil-fatt hallset is-somma ta’ €69,881 (ekwivalenti ghal Lm30,000) lis-socjeta` attrici meta hija ma ghamlet l-ebda *atto d’erede* u ma wirtet xejn minghand missierha; u teccepixxi wkoll illi dak l-ammont imhallas minnha ghandu jigi akkreditat fuq il-kont taghha mas-socjeta` attrici. Issostni illi hija ghalhekk m’ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici.

Illi l-konvenuta ntavolat ukoll kontro-talba sabiex din il-Qorti tillikwida l-ammonti kollha li hija hallset lis-socjeta’ attrici minn meta marad missierha ‘l quddiem, tiddikjara li

l-attrici kkostringiet lill-konvenuta thallas id-dejn ta' missierha altrimenti ma tigix fornita bl-ghagin, tordna lis-socjeta` attrici tikkredita lill-kont tal-konvenuta l-ammonti kollha hekk imhallsa li gew indebitament ikkreditati mill-kumpanija attrici fil-kont ta' missier il-konvenuta u tiddikjara x'inhu l-bilanc fil-kont tal-konvenuta billi tiddikjara wkoll x'inhu l-bilanc fil-kont ta' missierha mejjet.

Illi min-naha taghha s-socjeta` attrici tichad dawn it-talbiet billi ssostni illi mhuwiex minnu illi sfurzat lill-konvenuta thallas id-dejn illi kellu missierha u li ma hallithiex thallas il-bilanc li kien beda jidher fuq il-kont taghha ghaliex altrimenti ma kenitx tforniha bl-ghagin. Issostni illi mhuwiex minnu lanqas illi s-socjeta` attrici indebitament ikkreditat il-hlasijiet li ghamlet il-konvenuta fil-kont ta’ missier il-konvenuta.

Illi mill-provi jirrizulta illi s-somma mitluba mis-socjeta` attrici hija ta’ €28, 555.84 (ara Dok. “PG”, affidavit ta’ Pierre Gatt, direttur tas-socjeta` attrici, a fol 95 *et sequitur*) u dan l-ammont huwa bilanc minn somma akbar u jirrapprezenta prezz ta’ merkanzija *ossia* ghagin mibjugh mis-socjeta` attrici lill-konvenuta stess u dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta’ attrici, nkluz dak esebit mac-citazzjoni attrici bhala Dok. “A”.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li originarjament, is-socjeta` attrici kellha relazzjoni ma’ missier il-konvenuta, Joseph Attard, li kellu negozju tad-distribuzzjoni tal-ghagin. Mis-sena 2003, Joseph Attard ma baqghax imur il-fabbrika tas-socjeta` attrici minhabba ragunijiet ta’ mard, u minfloku kienet tmur il-konvenuta, li jidher li hadet hsieb hija l-istess negozju, u dan sakemm missierha sfortunatament miet fit-12 ta’ Ottubru 2003.

Illi jidher li qabel ma miet missierha bejn Mejju 2003 u 12 ta’ Ottubru 2003, l-istess konvenuta kienet qed tordna x-xoghol u thallas ghax-xoghol hija, u jirrizulta li effettivament hija kienet qed tiehu hsieb ix-xoghol ta’ missierha; fil-fatt f’dan il-perjodu kollu x-xoghol kien jigi ordnat mill-konvenuta, mhallas minnha, u x-xoghol johrog intestat xorta wahda minn Joseph Attard, u allura ma

hemm l-ebda dubju li minn dan kollu jirrizulta li l-konvenuta kienet ben konxja tas-sitwazzjoni, u volontarjament ghazlet li tkompli hija bl-istess negozju, fuq isem missierha. Dan jirrizulta mix-xhieda kollha prodotti nkluzi dawk ta’ Pierre Gatt u Charles Zerafa, u fil-verita’ anke mix-xhieda tal-konvenuta.

Illi jirrizulta li wara li Joseph Attard miet, kienet il-konvenuta li avvicinat lis-socjeta` attrici sabiex tkompli hi n-negozju ta’ missierha. Is-socjeta` attrici ma jidhirx li kellha problemi dwar dan sakemm il-konvenuta tkompli thallas il-kontijiet li kien hemm fuq missierha, kontijiet li kienu jinkludu ordnijiet maghmula minnha fuq isem missierha, meta l-istess kien marid. Fil-fatt il-konvenuta kienet lesta li taghmel dan u intlahaq anke ftehim f’dan is-sens.

Illi l-konvenuta ma taqbilx ma’ dan ghaliex issostni u tikkontendi li hija kienet giet sfurzata taghmel dan u li ghalhekk il-pagamenti illi ghamlet hi, marru fuq il-pendenzi illi kellu missierha mal-kumpanija attrici indebitament (ara Dok. “MA1” – affidavit tal-konvenuta a fol. 131 *et sequitur*). Hija tixhed illi hallset ammont sostanzjali lill-kumpanija li ghandu jigi kreditat fuq il-kont taghha.

Illi tenut kont ta’ dawn ir-rizultanzi, il-Qorti sejra taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

Illi peress illi d-difiza tal-konvenuta u anke l-kontro-talba taghha hija msejsa fuq il-premessa illi hija hallset lis-socjeta` attrici indebitament, l-artikoli tal-ligi illi l-Qorti sejra tibbaza l-kunsiderazzjonijiet taghha huma l-**Artikoli 1021, 1022** u **1147 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdu kif gej:-

L-**Artikolu 1021** jipprovdi illi:-

*“Kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irciviha bla jedd”.*

L-**Artikolu 1022** jipprovdi illi:-

*“Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur.*

*(2) Izda, dan il-jedd jispicca jekk, minhabba dak il-hlas, il-kreditur ikun, b’bona fidi, telaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta’ dak il-kreditu, bla hsara tal-jedd ta’ dak li jkun hallas li jdur kontra l-veru debitur”.*

L-**Artikolu 1147** jipprovdi illi:-

*“Kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura.*

*(2) Izda, ma hemmx jedd ta’ azzjoni ghall-hlas lura jekk dak li thallas kellu jinghata bis-sahha ta’ obbligazzjoni naturali.”*

Illi jidher car illi l-istitut tal-*indebiti solutio* huwa kkontemplat fil-ligi u f’diversi okkazjonijiet dan gie trattat fis-sentenzi fosthom fid-decizjoni fl-ismijiet **“Maria Galea vs Grace Borg”** (P.A. (P.S.) – 12 ta’ Ottubru 2005) li giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn gew delinejati l-elementi ta’ dan l-istitut u intqal illi:-

*“Rigwardata l-materja mill-punto di vista ta’ l-**Artikolu 1022**, biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta’ indebitu jinhtieg li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u cjoe:-*

*(a) li jkun sar pagament;*

*(b) li dan il-pagament ma kienx dovut;*

*(c) li l-pagament ikun sar bi zball.*

*Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-hlas, l-inezistenza tal-causa solvendi u l-izball;*

*Riferibilment ghat-tieni element li bhall-ewwel wiehed jghodd ukoll ghall-kaz ta’ indebitu ex re (**Artikolu 1147**) jinsab spjegat illi “jista’ jkun hemm pagament mhux dovut*

*f'diversi ipotesijiet, u wahda minn dawk l-ipotesijiet hu meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex tiddistruggih, mhux biss civilment, imma anke naturalment" (Kollez. Vol. XLV P III p 782)".*

*"Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball il-gurisprudenza taghna, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-accipiens il-hlas irid ikun ricevut minnu "sew xjentement jew bi zball" (**Artikolu 1021**), fil-kaz tas-solvens*
*li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan li skont issentenza a **Vol. XXXIII P II p 332**, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi", mentri invece, skont is-sentenza precitata a **Vol. XLV P III p 782**, "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali"*

*"Huwa pacifiku, pero`, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens, u b' mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas." (Kollez. Vol. XLI P I p 76);" [emfazi mizjuda]*

Illi jidher car illi sabiex kawza ta' din in-natura tirnexxi min isostni illi hallas indebitament, ghandu jipprova l-izball (fuq dan il-punt ara **"Paolo Bonnici Limited vs Kontrollur tad-Dwana"** (P.A. (R.C.P.) – 2 ta' Ottubru 2001)).

Illi fil-fatt inghad wkoll f'"**Anton Azzopardi et nomine vs Lawrence Ciantar nomine et**" (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – LXXXII.ii.791) li:-

*"Illi jinghad ukoll li dan l-istitut ta' indebiti solutio huwa intiz sabiex il-parti li tkun hallset indebitament dak li in verita' ma jkunx dovut minnha, tkun tista' tirkupra dak li hija hallset lura, u b'hekk tigi re-integrata fil-posizzjoni taghha kif kienet qabel ma sar tali hlas, hlief fil-kaz ta' mala fede*

*ta' min ikun ircieva dak l-indebitu, fejn ikunu jridu jsiru hlasijiet ulterjuri skond il-ligi."*

Illi f'dan is-sens huma s-sentenzi li trattaw dan l-istitut u hawn issir riferenza ghad-decizjonijiet **"The Margerine Import Co Limited vs Kontrollur tad-Dwana"** (P.A. (P.S.) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco et"** (A.I. C. – 16 ta' Dicembru 2002); u "**Alfred Tonna et vs Carmela Bugeja et"** (A.C. – 8 ta' Frar 1957).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jinghad illi fl-ebda mument ma jirrizulta li l-konvenuta qeghda b'xi mod tallega li hija wettqet xi hlas bi zball. Issostni biss illi hija kienet imgieghla tissalda d-dejn ta' missierha biex is-socjeta` attrici taccetta illi tkompli n-negozju maghha.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li anke li kieku din il-Qorti taghzel illi tikkonsidra u tevalwa din il-verzjoni tal-fatti allegata mill-konvenuta, xorta dan ma setax ikun il-bazi legali korretta sabiex tigi mpostata, kif giet impostata, l-azzjoni tal-*indebiti solutio*.

Illi fil-fatt il-kaz in ezami huwa kaz car ta' hlas minn terz. Il-ligi stess tipprovdi illi n-nuqqas ta' hlas ta' debitur tista' tirrimedja ghalih terza persuna (**artikolu 1148 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**) sew jekk din il-persuna jkollha interess u sew jekk le. (Ara wkoll f'dan is-sens **"MAC Limited et vs Said International Limited et"** (P. A. (JRM) – 9 ta' Ottubru 2003); **"Pardi Enterprises vs Joseph Farrugia et"** (A.I.C. (P.S.) – 10 ta' Lulju 2003). It-terz li jkun liberament hallas id-dejn ta' haddieor certament m'ghandux id-dritt li jigu rifuz is-somma li hallas mill-kreditur kif tidher illi qieghda tittenta taghmel il-konvenuta.

Illi da parti taghha s-socjeta` attrici ssostni illi l-konvenuta fil-fatt assumiet id-dejn ta' missierha. Jidher mix-xhieda ta' Pierre Gatt illi fil-fatt dak kien il-ftehim, verzjoni li pero` hija michuda mill-konvenuta, ghalkemm fil-verita' jirrizulta li hekk gara u dan anke mill-kontijiet kollha esebiti, fejn jirrizulta li l-pagmenti li kienet effetwat il-konvenuta qabel

ma miet missierha, u meta hija kienet qed tordna x-xoghol f'isem missierha, kienu qed imorru fuq il-kontijiet tieghu, u dan kienet konxju tieghu l-konvenuta, anke peress li ma kien hemm ebda kont fuqha u dan jidher li baqa' jsehh anke wara li miet missierha, tant li hija hallset fatturi li kienu inhargu f'ismu bejn il-perjodu tat-12 ta' Ottubru 2003 u t-30 ta' Jannar 2004 (Dok. "PG2a" sa Dok. "PG2b"). Dan kien anke konsistenti mal-ftehim mal-istess socjeta' attrici, fejn hija talbet li tkompli n-negozju ta' missierha, kif fil-fatt kienet qed taghmel, u sabiex tkompli tigi fornita bil-prodotti tas-socjeta' attrici, haga li hija riedet u accettat, u eventwalment il-kont dar fuqha.

Illi f'dan ir-rigward, is-socjeta` attrici ticcita s-sentenza **"Saviour Farrugia nomine vs Joyce Farrugia et"** (A.C. – 29 ta' Frar 2008) f'liema, l-ewwel Qorti qalet illi:-

*"Hu, pero', maghruf li terza persuna tista' tassumi fuqha dejn ta' hadd iehor. Dan isehh billi obbligazzjoni ta' hadd iehor jaghmilha tieghu minn jassumiha. In tema guridiku, l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" ossija tal-"animus solvendi debiti alieni" tad-dritt Ruman (ara Kollez. Vol. XLI.II.924). Josserva l-Baudry ("Fideissione" para. 916), "la promessa di pagare il debito altrui non e' una vera fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione". Tali assunzjoni ta' dejn mhux mehtieg li tirrizulta minn xi kitba, izda minn kwalunkwe prova ohra, basta tkun cara u konkludenti (ara*
*"**Attard & Co Ltd vs M.A. Supermarkets Ltd et**", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2003)" [emfazi mizjuda].*

Illi fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Satariano Limited vs Scala Developments Limited"** (Qorti tal-Magistrati (G.V.) – 15 ta' Jannar 2010), il-Qorti gabret l-element ta' dan l-istitut u sostniet li:-

*"Il-principji guridici centrali ghall-istitut ta' l-assunzjoni tad-dejn ta' haddiehor essenzjalment huma: (i) l'assunzione del debito per parte di un terzo è una figura guiridica*

*diversa dalla fidejussione, poichè, chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore. Essa è anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazione del debitore -* ***Bartolo v. Vigo****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Gunju 19299; (ii) l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" ossija tal-"animus solvendi debiti alieni" tad-dritt Ruman (Kollez. Vol. XLI – ii – 924). Josserva l-Baudry (Fideissione para 916) "la promessa di pagare il debito altrui non è una vera fideissione; essa costituisce un obligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione –* ***P J Sutters Company Limited v. Michael Debono****, Appell Civili Nru. 763/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004; (iii) il-kuncett ta' assunzjoni ta' dejn ta' haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, però tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti –* ***Attard & Co Limited v. MA Supermarkets Limited et****, Citaz. Nru. 34/02TM deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003; u (iv) sabiex ikun hemm assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, li mhux tieghu ma jfissirx, li huwa assuma dak id-dejn –* ***Zammit v. Frendo Azzopardi****, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Mejju 1943."*

Illi f'din is-sentenza, il-Qorti sabet li kien hemm assunzjoni ta' dejn peress illi rrizulta car, fost provi ohra, illi fi skrittura s-socjeta` konvenuta kienet fil-fatt assumiet id-dejn tal-konvenut l-iehor versu s-socjeta` attrici.

Illi fis-sentenza ukoll hawn citata ta' **"Attard & Co Ltd vs M.A. Supermarkets Ltd et"** dejjem a bazi ta' l-istess principji, il-Qorti cahdet it-tezi tas-socjeta` attrici illi l-konvenut f'ismu personali kien assuma d-dejn tal-kumpanija tieghu. Il-Qorti sabet illi sempliciment il-hlas ta' dejn minn terz ma jammontax ghall-assunzzjoni ta' dejn. L-istess inghad fis-sentenza bl-ismijiet **"J & C Pisani Limited vs Nicholsons The Supermarket Limited et"** (P.A. (T.M.) – 30 ta' Ottubru 2003). Ara wkoll f'dan is-sens

**“PJ Sutters Company Limited vs Michael Debono”** (A.I.C. (PS) – 28 ta’ April 2004).

Illi fis-sentenza **“Frozen Art Limited vs Emanuel sive Manuel Portelli et”** (A.I.C. (PS) – 30 ta’ Jannar 2009) il-Qorti wkoll qalet illi:-

*“Hu principju esplicitu fil-ligi taghna illi kulhadd seta’ jhallas id-dejn ta’ haddiehor u l-kreditur ta’ l-obbligazzjoni lanqas seta’ jirrifjuta l-hlas hekk offert lilu mit-terza persuna. Dan johrog car mill-provvedimenti ta’ l-**Artikoli 1148 (2) u 1149 (1) tal-Kodici Civili**. Sic et sempliciter hlas ta’ din ix-xorta mit-terz ma kienx jimporta l-krejazzjoni ta’ relazzjoni guridika bejn min ihallas u l-kreditur. Dan, ammenokke, ma tkunx ukoll positivament accertata l-ezistenza ta’ assunzjoni vera u proprja ta’ dak id-debitu ta’ haddiehor;”*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta car mill-provi prodotti li l-konvenuta hadet *over* in-negozju ta’ missierha u bi ftehim mas-socjeta` attrici hi kienet thallas id-dejn li halla missierha u tkompli bin-negozju tad-distribuzzjoni li kien beda hu. Din il-Qorti tosserva illi anke kieku ma giex pruvat illi l-konvenuta fil-fatt assumiet id-dejn ta’ missierha u rrizulta sempliciment illi hija hallset ghalih u ghalhekk f’ghajnejn il-ligi kellu jkun biss hlas minn terz, xorta d-difiza tal-konvenuta u l-kontro-talba taghha kienu jfallu peress illi ma rrizulta minn imkien illi l-hlas sar indebitament mill-konvenuta, kif trattat iktar ‘il fuq.

Illi min-naha taghha, il-konvenuta targumenta wkoll illi hija ma wettqet l-ebda *atto d’erede* wara l-mewt ta’ missierha u ghalkemm mhux car x’rilevanza dan kollu jista’ jkollu ghall-kaz in ezami, jidher illi qeghda ssostni illi ghal din ir-raguni l-flus li hallset ghandhom jigu rifuzi lura lilha. Din il-Qorti, minbarra r-ragunijiet hawn diga` mghotija, ma tistax taccetta dan l-argument ghaliex dan ma ghandu ebda bazi legali. Dan qed jinghad peress li anke jekk ghall-grazzja tal-argument, il-konvenuta tigi kkonsidrata li hija qatt ma dahlet fiz-zarbun ta’ missierha wara mewtu, il-fatt li hija effettivament accettat illi thallas id-dejn li hu kellu mas-socjeta’ attrici, jimpediha llum milli targumenta illi peress

illi hija ma hijiex il-werrieta tieghu, ghandha tigi rifuza l-flus illi hallset.

Illi apparti dan, l-allegazzjoni tal-konvenuta li giet kostretta u/jew sfurzata thallas id-dejn ta' missierha assolutament ma hemm l-ebda prova taghha; lanqas wahda minima, tant li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta konxjament u volontarjament ghazlet li l-ewwel tmexxi hija n-negozju ta' missierha, anke meta dan kien ghadu haj, u wara li miet li tkompli hija l-istess negozju, haga li fil-fatt jirrizulta li ghamlet kemm mix-xhieda prodotta u kif ukoll mid-dokumenti esebiti, u jidher li l-kwistjoni inqalghet biss meta l-istess negozju naqqas minhabba kompetizzjoni minn barra wara li Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea (ara xhieda wkoll ta' Maria Attard, omm il-konvenuta datata 2 ta' Frar 2007 u dik tal-konvenuta moghtija fil-kontro-ezami taghha fis-7 ta' Marzu 2008).

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti thoss illi l-azzjoni attrici giet ampjament ippruvata, fil-waqt li l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba imressqa mill-konvenuta huma nfondati gjaladarba jirrizulta car mill-provi mressqa illi kienet l-istess konvenuta li ghazlet volontarjament li thallas lis-socjeta` attrici d-dejn ta' missierha, u l-ammonti mitluba fic-citazzjoni attrici huma ta' xoghol ordnat mill-istess konvenuta minghand is-socjeta' attrici, li ma sarx il-hlas tieghu mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici (Dok. "A").

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha, fil-waqt li l-kontro-talba tal-konvenuta qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi fil-kuntest tac-citazzjoni attrici, ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mija u hamsa u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€28,555.84) ekwivalenti ghal tnax-il elf mitejn disgha u hamsin Liri

Maltin u zewg centezmi (Lm12,259.02), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuta sal-10 ta' Novembru 2004, fuq inkarigu tal-istess konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 t'April 2005, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Jannar 2005 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**kontro-talba tal-konvenuta** datata 30 ta' Gunju 2006, din il-Qorti ghal dawn l-istess motivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenjenti ghall-istess kontro-talba in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz**, tichad it-talbiet tal-konvenuta rikonvenjenti** fil-kontro-talba taghha peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------